# Bord Li Jirregola l-Kera
## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Ġuramentat Nru. 752/2021 LC**

**Harold Caruana (K.I. 640352M)**
**bħala mandatarju speċjali għan-nom**
**u in rappreżentanza ta’ Roberta Hick**
**(K.I. 408178M)**

**VS**

**Joseph Paul Camilleri (K.I. 37277M) u**
**Desiree Jasmin Shurter (Passaport**
**Svizzeru numru E38223877)**

**Illum, 03 ta’ Ġunju 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ġuramentat datat id-19 ta’ Ottubru 2021, fejn ir-rikorrenti nomine talab dan il-Bord jogħġbu:-

1. Jgħaddi sabiex jaqta’ u jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ skont l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Jiddikkjara li l-intimati jew min minnhom huma debituri tal-atturi esponenti fl-ammont ta’ ħamest’ elef, ħames mija u tlett Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€5,503.96);

3. Jillikwida s-somma ta’ ħamest’ elef, ħames mija u tlett Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€5,503.96) flimkien ma’ l-imgħax legali dekorribli mill-iskadenza ta’ kull pagament relattiv;

4. Jordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu s-somma hekk likwidata lill-atturi esponenti

Bl-ispejjeż.

Ra d-dikkjarazzjoni ġuramentata ta' Harold Caruana annessa mar-rikors promotur[1];

Ra illi wara diversi tentattivi, l-intimati ġew notifikati bl-atti *de quo* bil-mezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra illi minkejja d-debita notifika tagħhom, l-intimati la daħlu nota u lanqas deheru għas-seduta tal-lum sabiex jikkontenstaw il-proċedimenti minkejja li ġew imsejjħa diversi drabi;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti;

Ra l-Artikolu 16A(5)(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-andament tal-proċedura magħżula mis-soċjetà rikorrenti għall-każ *de quo*;

Ikkonsidra,

Illi r-retroxxena tal-każ odjern, kif tirriżulta mill-provi preżentati quddiem dan il-Bord hija li r-rikorrenti nomine daħal f'kuntratt lokatizzju mal-intimati fis-7 ta' Settembru 2020 għall-kera ta' €900 fix-xahar, liema kera kellha tittermina fis-07 ta' Settembru 2021[2]. Illi f'dan il-kuntratt l-intimati obbligaw ruħhom li jħallsu wkoll il-kontijiet tas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma. Fil-bidu tal-2021, l-intimati bdew jilmentaw illi l-kontijiet tas-servizzi kienu qed jiġu għoljin wisq u rrifjutaw li jħallsuhom. Ir-rikorrenti intavola proċeduri quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ Għal Kirjiet Residenzjali Privati u b'deċiżjoni erogata nhar is-17 ta' Ġunju 2021[3], il-Panel ta' Arbitraġġ laqa' t-talba u ordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €1,387.74 bl-imgħax legali mid-data ta' dik id-deċiżjoni. Illi minkejja din id-deċiżjoni, l-intimati baqgħu ma ħallsux il-pendenzi dovuti u sad-datat terminazzjoni tal-kirja, il-kont tas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma tela' għal €2,803.96.

Illi l-intimati intavolaw proċeduri kontra r-rikorrenti quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ Għal Kirjiet Residenzjali Privati fejn talbu riduzzjoni fil-kera stante li l-propjetà

---

[1] A fol. 24 tal-Atti proċesswali.
[2] A fol. 8 tal-Atti proċesswali.
[3] A fol. 11 tal-Atti proċesswali.

mikrija lilhom kienet aflitta minn diversi difetti. Illi b'deċiżjoni erogata nhar is-7 ta' Settembru 2021[4] il-Panel ta' Arbitraġġ laqa' parzjalment it-talba tagħhom u rriduċa l-kera minn €900 għal €800 fix-xahar, liema deċiżjoni, madanakollu, ingħatat propju dakinhar li skada t-terminu lokatizzju u l-intimati vvakaw il-fond *de quo*.

Illi minkejja li l-kirja ġiet terminata, l-intimati kienu għadhom morużi fi tlett skadenzi ta' kera ammontanti għal €2,700 biex b'hekk, l-ammont dovut globalment huwa ta' €5,503.96 rappreżentanti s-somma ta' €2,803.96 kontijiet tal-elettriku u l-ilma u €2,700 skadenzi ta' tlett xhur kera.

Ikkonsidra;

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 16A(5) tal-imsemmi kap jistipola, *inter alia,* li jekk l-intimati jonqsu milli jidhru meta jinstema' r-rikors ġuramentat il-Bord għandu minnufih jgħaddi biex jagħti sentenza, fejn jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Għalhekk, bil-fatt biss li l-intimati naqsu milli jidhru għas-seduta tal-lum, il-Bord huwa sodisfatt li għandu jgħaddi sabiex jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Ikkonsidra;

Illi in aġġunta mad-disposizzjoni tal-liġi appena kwotata, mill-provi prodotti jirriżulta ampju li l-intimati huma tassew inadempjenti fil-pagament dovuti u b'hekk, is-somma ta' €5,503.96 hija dovuta lir-rikorrenti nomine.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-kawża preżenti billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, u konsegwentement:

1. Jilqa' l-ewwel talba billi jgħaddi sabiex jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jilqa' t-tieni u t-tielet talba jiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti nomine fl-ammont ta' €5,503.96;

[4] A fol. 19 tal-Atti proċesswali.

3. Jilqa' r-raba' talba u jordna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti nomine s-somma ta' €5,503.96, bl-imgħax dekorribli mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza;

Bl-ispejjeż tal-preżenti ikunu a karigu esklussiv tal-intimati.

Dr Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**